TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 13/2025**

Data: It-Tnejn, 2 ta' Ġunju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**13.1 Laqgħa Nu 12 u ittri ta' apoloġija**

13.1.1 Is-Sindku skuża ruħu li kemm hu kif ukoll il-Viċi Sindku kienu ma jifilħux ħafna u għaldaqstant Laqgħa Nu 12 li kienet skedata li ssir nhar 29 ta' Mejju 2025 kellha tiġi kkanċellata fl-aħħar ħin.

13.1.2 Is-Sindku semma li kemm is-Sa. Anabelle Marmara kif ukoll is-Sur Dasier Damato talbu li jkunu skużati minn din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku,il-Kunsill approva li ż-żewġ Kunsilliera jkunu skużati.

**13.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 11**

13.2.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.11 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**13.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 11**

13.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sa. Nicole Farrugia ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn d-29 t' April 2025 u d-29 ta' Mejju 2025 li kienet tammonta għal €79,012.39.

JAG

TARXIEN
Local Council

**13.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu 11**

| | |
|---|---|
| **13.4.1 Ground Supervisor** | Is-Sindku semma li kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa l-Kunsill waqqa' is-sejħa fi skala 17 u kienu qed jiġbru l-kwotazzjonijiet. |
| **13.4.2 Bye-Law Leasing tal-Ground 5 a side** | Is-Sindku semma li jidher li kien hemm Bye-Law eżistenti li din kienet saret fis-sena 2009. Semma li l-Kunsill kien ser iżomm l-istess Bye-Law u jara xi jrid jemenda minnha.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li fil-files tal-Kunsill l-aħħar kuntratt ta' devoluzzjoni kien skadut fis-sena 2018. Is-Sur Neil Portelli semma li jaħseb li dak kien ġie imġedded peress li l-Kunsill kien applika għall-fondi tal-EEA sabiex jirranġa s-sala tal-komunita'.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet ukoll li kienet qed tkompli tara l-problema li hemm fuq in-numru tat-taxxa tal-Joint Venture li kienet teżisti peress li din qed tħalli qualified opinion fuq l-awditjar tal-Kusnill. |
| **13.4.3 Pjazza Tarxien** | Is-Sindku semma li l-kuntrattur kien beda jippjana l-programm ta' ħidma u li l-Kunsill kien ser ikollu l-ewwel laqgħa ma' Infrastruttura Malta u l-kuntratturi.<br>Is-Sindku semma li l-proposta li l-Pjazza tingħata isem kienet għaddiet għand Street Naming Committee. Is-Segretarju Eżekuttiv semma li l-istess kumitat kien talab lill-Kunsill japprova l-isem ta' Triq il-Gudja għax din it-talba kienet ilha snin twal pendenti. Is-Sur Neil Portelli semma li dik it-triq mhijiex fil-konfini tal-lokal u għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jiddeċiedi. |
| **13.4.4 Enemalta** | Is-Sindku semma li kien fadal parti mit-triq xi ssir lejn Triq Santu Wistin. |

MG

**13.4.5 Rivista Kunsill Lokali Tarxien**

Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li r-rivista ser tkun qed titqassam fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju.

**13.4.6 Anzjanita' Attiva**

Is-Sindku semma li l-attivitajiet qed ikunu organizzati tajjeb u l-attendenza qed tkun tajba ħafna. Semma li nhar it-13 ta' Ġunju ser ikun hemm l-għeluq tas-sessjonijiet mill-Anzjanita' Attiva. Semma li qed nistennew li ser ikun hemm madwar 200 anzjan minn ċentri differenti. Semma li l-organizazzjoni tas-sessjoni ser jieħdu ħsiebha l-Anzjanita' Attiva.
Is-Sindku semma li nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ġunju kienet ser issir ħarġa għall-anzjnai bi prezz ta' €5 sabiex imorru l-Esplora. Semma li l-Kunsill kien ser iħallas t-transport biss. Semma wkoll li kif għall-Jum l-Omm l-ommijiet ingħataw fjura għall-Jum il-Missier kien ser jitqassam token t' apprezzament ukoll.

**13.4.7 Triq San Anard**

Is-Sindku semma li Triq San Anard kienet lesta mit-tarmak. Semma li l-garaxxijiet għadhom mhumiex immarkati. Semma wkoll li kellu jikkomunika ma' Infrastruttura Malta rigward central strip ta' quddiem il-ħwienet.

**13.4.8 Impjegati ġdida – Administrative Officer II**

Is-Sindku semma li jidher li l-impjegata l-ġdida sejra tajjeb u li minn Ġunju kienet ser tinżel taħdem fl-Uffiċju tal-Kunsill. Semma wkoll li l-Kunsill kien ser jara li jixtri l-liċenzja ta' SAGE sabiex tkun tista' wkoll tiprepara l-book keeping.

**13.4.9 Framework Agreement – Public Works Department**

Is-Sindku ssuġġerixxa lis-Sur Neil Portelli sabiex jikkuntatjahom ħalli jara meta ser jibda x-xogħol.

**TARXIEN**
Local Council

**13.4.10 Statwa ġewwa Vjal Simmons**

Is-Sindku semma li l-Perit qed tapplika għal DNO. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li l-unika problema li hemm biex tinxtara l-istatwa u li kellha ġġib direzzjoni mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali hija li l-ebda Kunsill ma jista' jħallas 22% VAT fuq servizzi jew oġġetti li jinxtraw minn ħwienet f' Malta.

**13.4.11 Triq Sqajjaq**

Is-Sindku semma li z-Zebra Crossing fi Trqi Sqajjaq kienet ser tinxtgħel.

**13.4.12 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi**

Is-Sindku semma li s-Sur Urry kien ser jieħu ħsieb li jikkordina mal-pixxina tal-Kottonera sabiex jieħdu r-resident għas-sessjonijiet tal-għum. Semma wkoll li kienu ser jibdew il-lezzjonijiet taż-Zumba ġewwa Ġnien Ovindoli.
Is-Sur Urry semma li kien laqgħa wkoll mal-MOVE sabiex il-Kunsill jesplora l-possibbilita' li jagħmel programm ta' attivitajiet sportivi fil-lokalita'. Semma li idealment dawn issiru fit-toroq tal-lokal.

**13.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.5.1 Is-Sindku semma li kien ser jibda l-ewwel bil-manutenzjoni fi Ġnien Kurunell Mas.

13.5.2 Is-Sindku semma inġabru l-kwotazzjonijiet biex isiru 6 CCTVs ġewwa Misraħ Agatha Barbara. Semma li kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur.

13.5.3 Is-Sindku semma li fuq ilment imressaq mis-Sur Urry kellu jmur jiċċekja jekk il-Bozza ta' ħdejn Dar il-Kejka għadiex tixgħel. Is-Sur Neil Portelli staqsa jekk triq Ġużeppi Montebello jistax issir aktar dawl. Is-Sindku semma li dawn iridu jaraw mhux biss il-konessjoni ta' dawl imma wkoll jekk ikunx hemm residenti li humiex lesti li jwaħħlu l-bozoz mal-faċċata.

13.5.4 Is-Sindku semma li fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun qed jitbiddel xi madum imkisser ta' Ġnien Joanne.

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

TARXIEN
Local Council

13.5.5 Is-Sindku semma li qed ikun hemm problema ta' parkeġġ u ħafna ilmenti mir-residenti tal-madwar Palazzo Abela. Dan meta jkun hemm xi attivita' bħal tieġ għaddej. Semma li dan qed joħloq problema ta' parkeġġ. Semma li l-Kunsill għandu jiddeċiedi u jikkomunika mas-sid is-sala il-massimmu ta' parkeġġi li jista' jħallas għal No Parking waqt attivita'. Kien deċiż li s-Sindku jiltaqa' mas-sid ħalli jaraw liema parkeġġi huma l-aħjar biex jirriservaw.

13.5.6 Is-Sindku semma li beda x-xogħol sabiex l-uffiċju tal-kunsill ikun relokat b' mod temporanju ġewwa s-Sala tal-Komunita' sakemm isir r-rinovar tal-Uffiċini. Semma li bħal issa qed isiru x-xgħolijiet sabiex ikunu jistgħu jimxu tempranjament. Semma wkoll li l-Perit flimkien mal-ħaddiema qed jippreparaw biex japplikaw għal dan ir-rinovar mill-iskema maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li tkopri proġetti għal Aċċessibbilita' aħjar.

13.5.7 Is-Sindku semma li saret spezzjoni oħra tal-latrina u kien deċiż li s-saqaf jista' ma jinbidiliex wara li l-Perit anki ċċertfika dan. Il-Kunsilliera qablu li għadna nmexxu kif propost.

13.5.8 Is-Sa. Nicole Farrugia semmet li hemm bżonn bozza Triq il-Qala li tmiss ma' Triq il-Frieres. Kif ukoll kien hemm talba għal sleeping police quddiem Vjal Simmons ~~ma~~ u Triq il-Witja. Is-Sindku talab lis-Sur Portelli biex jara mar-residenti biex jiġbru petizzjoni li dawn qed jaqblu ma' din il-proposta. Dan peress li jista' jkun hemm xi ħsejjes tal-vetturi li imbgħad jibdew idejqu lir-residenti.

13.5.9 Is-Sindku semma li s-Sa. Nicole Farrugia talbet li jkun hemm tabelli sabiex jindikaw li ma jistgħux jiġu mitgħmuha l-qtates. Dan talbuh anki l-cat feeders sabiex wieħed jistabbilixxi żoni ta' fejn il-cat feeders jitimgħu u idealment ħadd iktar ma' jitmgħa peress li anki qed ikun hemm xi residenti li jagħtu ikel mhux adtatta lill-qtates u dawn qed jispiċċaw morda.

13.5.10 Is-Sur Neil Portelli semma li qed ikun hemm aċċidenti kbar fi Triq Annunzjata ma' Paola Road. Semma li idealment il-Kunsill flimkien mal-Awtorita' ta' Transport naraw kif nistgħu nimmitigaw iktar din is-sitwazzjoni.

TARXIEN
Local Council

**13.6 Aġġornament**

13.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fi-sebgħa ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025 fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**